ISTITUT EWROPEW GĦALL-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI

# EIGE

## Programm ta' Ħidma għal nofs it-terminu (2010-2012)

Adottat fid-29 ta' April 2010
Verżjoni finali

# INTRODUZZJONI

L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi kien maħluq bir-Regolament (KE) Nru 1922/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi. L-objettivi ġenerali jew l-effetti fit-tul tal-ħidma tal-EIGE (livell ta' impatt tal-objettivi) huma ddefiniti fir-Regolament bħala:

*Li jikkontribwixxi għal u jsaħħaħ il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi, inkluż l-*integrazzjoni tas-sessi*i fil-linji politiċi Komunitarja kollha u l-linji politiċi nazzjonali li joħorġu minnha, u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni abbażi ta' sess, u li jżid l-għarfien taċ-ċittadini tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi.*

## SFIDI GĦAS-SNIN LI ĠEJJIN

### Parlament Ewropew u Kummissjoni Ewropea mġedda

It-tiġdid tal-Parlament Ewropew fl-2009 u tal-Kummissjoni Ewropea fl-2010 se jiġġenera sfidi ġodda għall-ħidma tal-Istitut permezz tal-identifikazzjoni possibbli ta' prijoritajiet ġodda fil-qasam tal-ugwaljanza bejn is-sessi. Min-naħa l-oħra, dan it-tiġdid jista' joffri opportunità eċċellenti biex tiġi żviluppata kooperazzjoni b'saħħitha mal-MPE l-ġodda, il-membri tal-Kumitat FEMM u l-kumitati u l-gruppi ta' ħidma rilevanti oħra.

Il-Kummissjoni l-ġdida, il-pożizzjoni u l-ambizzjonijiet tagħha fir-rigward tal-kwistjonijiet tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel ukoll se jkollhom impatt fuq il-ħidma tal-EIGE. Il-prijoritajiet għall-Kummissjoni Barroso II, ippreżentati mill-President tagħha, is-Sur J.M. Barroso, se jitqiesu matul l-ippjanar tal-Programm ta' Ħidma għal Nofs it-terminu u dak Annwali.

L-assenjazzjoni tal-kwistjonijiet tal-ugwaljanza bejn is-sessi taħt il-Kummissarju l-ġdid għall-Ġustizzja, il-Libertà u s-Sigurtà se tkun opportunità reali għall-futur. B'mod partikolari, dan jinkludi li wieħed jara kif jevolvu s-simpatiji u l-prijoritajiet tal-Kummissarju u l-kabinett tagħha.

### It-Trattat ta' Lisbona

L-impatt politiku u prattiku tat-Trattat ta' Lisbona fuq il-politiki tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-implimentazzjoni prattika tal-ħidma fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi, b'mod partikolari fir-rigward tal-impjiegi u l-koeżjoni soċjali kif ukoll l-involviment ta' diversi partijiet interessati, se jkunu fatturi importanti li jinfluwenzaw il-prijoritajiet futuri u l-ħidma tal-EIGE.

### Kriżi finanzjarja u ekonomika

Kif mistqarr fir-rapport ippubblikat mill-Kummissjoni fl-2009[1], 'xi miżuri għall-ugwaljanza bejn is-sessi kienu kkanċellati jew posposti u tnaqqis futur possibbli fil-baġit pubbliku jista' jkollhom effett negattiv fuq l-impjiegi tan-nisa u fuq il-promozzjoni tal-ugwaljanza. Ir-reazzjonijiet politiċi mogħtija għar-riċessjoni jirrappreżentaw opportunità kif ukoll theddida potenzjali għall-impjiegi tan-nisa u l-ugwaljanza bejn is-sessi. Hemm riskju li r-riċessjoni preżenti se tipposponi l-avvanzi, jew saħansitra treġġa' lura l-progress, b'konsegwenzi aktar fit-tul fuq is-sostenibbiltà tal-ekonomija u s-sistemi tal-ħarsien soċjali, l-inklużjoni soċjali, u d-demografija.'

L-impatt tar-riċessjoni fuq l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel se jkun jeħtieġ miżuri addizzjonali li jindirizzaw id-differenzi bejn is-sessi, b'mod partikolari fl-oqsma tal-impjiegi, xogħol bla ħlas u kwistjonijiet soċjali. L-EIGE se

[1] Rapport mill-Kummissjoni lill-Kunsill, il-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni: Ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel — 2010 (SEC(2009) 1706).

jipprova jgħin lill-Presidenzi suċċessivi fl-iżvilupp u t-tnedija tal-istrateġiji sostenibbli għal Ewropa Soċjali u għat-tkabbir ekonomiku.

## L-Istrateġija l-ġdida tal-Kummissjoni Ewropea għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel 2011-2015

F'nofs l-2010, se titnieda strateġija ġdida tal-Kummissjoni għall-ħidma dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi. Din se tibni fuq l-esperjenza miksuba mill-Pjan Direzzjonali preċedenti għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel (2006-2010) u tidentifika oqsma ta' prijorità għall-azzjoni u ħidma relatata. Hija ser tipproponi bidliet konkreti sabiex tittejjeb il-governanza fil-qasam tal-ugwaljanza bejn is-sessi kif ukoll jiġu sorveljati l-għodod biex jitkejjel il-progress miksub. Bħal-Pjan Direzzjonali preċedenti, din l-istrateġija għal nofs it-terminu se tiġbor fiha miżuri speċifiċi li jrawmu l-ugwaljanza kif ukoll isaħħu l-approċċ ta' integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi, u se timmira li tkopri l-oqsma kollha tal-attivitajiet u l-politiki tal-Kummissjoni. Meta jitqies il-fatt li l-ħidma tal-EIGE għandha tissupplimenta l-ħidma tal-Kummissjoni (billi tagħti appoġġ u għajnuna teknika fl-oqsma speċifikati fir-Regolament), il-koordinazzjoni mad-DĠ IMPJIEGI u d-Direttorat għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi se tgħin biex tidentifika l-oqsma fejn il-kontribut u l-involviment tal-EIGE huma meħtieġa. Il-kwistjoni tal-eradikazzjoni tal-vjolenza kontra n-nisa fl-Unjoni Ewropea msemmija fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Marzu 2010[2] ser tagħti dimensjoni importanti lir-rwol tal-EIGE li jgħin lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri biex jiġġieldu b'mod iktar attiv kontra l-vjolenza bbażata fuq sess permezz tal-ġbir, l-analiżi u t-tixrid tal-informazzjoni disponibbli fuq il-vjolenza kontra n-nisa. L-EIGE se jappoġġja wkoll lill-Presidenzi fis-segwitu li jagħtu lill-Istrateġija, inkluż it-tiġdid tal-Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi.

# OQSMA FOKALI GĦALL-2010-2012

Matul il-perjodu 2010-2012, il-ħidma tal-Istitut se tiffoka fuq li tassigura li titlesta malajr il-fażi tat-twaqqif tal-aġenzija u fuq il-bidu tal-programm estensiv tiegħu tal-attivitajiet operattivi.

Inizjalment, il-biċċa l-kbira tal-isforzi se jkunu ffukati biex jitlesta it-**twaqqif amministrattiv u operattiv tal-Istitut**. Mibarra li jiffinalizzaw il-pjan ta' twaqqif u jiżviluppaw id-dokumenti kollha ewlenin tal-EIGE, l-attivitajiet se jikkontribwixxu biex jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-indipendenza amministrattiva u finanzjarja mill-iktar fis possibbli. Ħidma fuq il-**korpi tal-EIGE** se torganizza t-tiġdid tat-terminu tal-uffiċċju tal-Bord tat-Tmexxija u tiżviluppa proċedura ta' ħidma funzjonabbli għall-ewwwel Forum tal-Esperti tiegħu.

**L-appoġġ għall-ħidma ta' riċerka u ta' politika tal-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri** se jikkostittwixxi t-tieni qasam fokali għall-perjodu ta' nofs it-terminu. Sforzi kbar huma meħtieġa biex ir-riżorsi ta' dokumentazzjoni jsiru aċċessibbli għall-pubbliku. Id-disponibilità ta' statistika, dejta u informazzjoni eżistenti, mudelli u approċċi funzjonabbli għall-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi użati minn korpi differenti tal-UE, Stati Membri, organizzazzjonijiet lokali, reġjonali u internazzjonali se tistabbilixxi bażi soda għall-appoġġ u l-għajnuna futuri fil-qasam. Il-ħidma bl-indikaturi ta' Beijing biex tingħata għajnuna lill-Presidenzi tal-UE fl-iżvilupp tal-indikaturi fl-oqsma li jifdal, ir-reviżjoni tal-indikaturi eżistenti u l-użu tal-informazzjoni eżistenti se tkun qasam wiesa' ieħor li se jibda fl-2010.

**L-oqsma tematiċi jew ta' prijorità**, bħala t-tielet qasam ta' ħidma, se jikkonċentraw fuq il-kunċett tal-Indiċi tal-UE tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi li janalizza d-differenzi bejn is-sessi u jagħti għodda lill-Istati Membri biex jinkoraġġixxi l-ħidma fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi.

**It-tqajjim tas-sensibilizzazzjoni, in-netwerking u l-komunikazzjoni** se jikkostittwixxu r-raba' qasam fokali li se jimmira li jagħmel il-ħidma fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi viżibbli u se joħloq domanda għall-ugwaljanza bejn is-sessi fuq diversi livelli. Bil-għan li jkissru l-isterjotipi bbażati fuq is-sess, se jinħolqu gruppi ta' referenza ta'

[2] Kunsill tal-Unjoni Ewropea, konklużjonijiet tal-Kunsill 6585/10, Brussell, 22 ta' Frar 2010

ġurnalisti u esperti tal-midja, mexxejja nisa, irġiel bħala *lobbyists* u persuni li jibnu l-opinjoni u se tkun żviluppata strateġija ta' komunikazzjoni esterna — kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel. Għall-bidu l-qasam se jimmira lejn il-ġenerazzjoni żagħżugħa u se jiffoka fuq it-tkissir ta' sterjotipi bbażati fuq is-sess, li huwa prijorità oħra tal-Pjan Direzzjonali tal-Kummissjoni għall-ugwaljanza bejn is-sessi u l-prijorità għall-Presidenzi li jmiss.

**Id-djalogu u s-sħubija** se jiffaċilitaw it-twaqqif tal-Istitut bħala attur effettiv u professjonali għall-ugwaljanza bejn is-sessi. Matul il-perjodu 2010-2012, se jinbdew sforzi fuq l-iżvilupp ta' netwerks u forom ta' kooperazzjoni mal-partijiet interessati ewlenin biex tkun evitata d-duplikazzjoni u jinħolqu s-sinerġiji. L-attivitajiet f'dan il-qasam fokali se jagħtu momentum lit-twaqqif tan-Netwerk Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi.

WERREJ


1 APPROĊĊI U METODI TA' IMPLIMENTAZZJONI

1.1 IPPJANAR TAL-MIŻURI MMEXXI MIR-RIŻULTATI

1.2 IMMANIĠĠJAR TAR-RISKJU U STANDARDS TA' KONTROLL INTERN

1.3 OQSMA TA' KOMPETENZA

1.4 APPROĊĊ TA' IMPLIMENTAZZJONI FL-EIGE

2 PROGRAMM TA' ĦIDMA 2010-2012

2.1 QASAM FOKALI 1: TWAQQIF ISTITUZZJONALI TAL-ISTITUT

2.1.1 Assigurazzjoni tal-indipendenza amministrattiva u finanzjarja

2.1.2 Korpi tal-EIGE

2.2 QASAM FOKALI 2: APPOĠĠ GĦAR-RIĊERKA U L-ĦIDMA TA' POLITIKA TAL-ISTITUZZJONIJIET TAL-UE U TAL-ISTATI MEMBRI

2.2.1 Żvilupp ta' dejta, statistika u indikaturi affidabbli

2.2.2 Żvilupp ta' għodod u metodi ta' integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi

2.2.3 Ġbir, dokumentazzjoni u tixrid tal-aqwa prattiki

2.3 QASAM FOKALI 3: OQSMA TEMATIĊI JEW TA' PRIJORITÀ

2.3.1 Indiċi tal-UE tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi

2.4 QASAM FOKALI 4: TQAJJIM TAS-SENSIBILIZZAZZJONI, NETWERKING U KOMUNIKAZZJONI

2.4.1 Informazzjoni inizjali dwar l-Istitut għaċ-ċittadini tal-UE u gruppi ta' mira varji

2.4.2 Żvilupp ta' informazzjoni affidabbli u komprensiva

2.4.3 Tkissir ta' sterjotipi bbażati fuq is-sess

2.5 QASAM FOKALI 5: DJALOGU U SĦUBIJA

2.5.1 Twaqqif tan-Netwerk Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi

2.5.2 Partijiet Interessati u msieħba

3 MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI

3.1 IL-MONITORAĠĠ TAL-IMPLIMENTZZJONI

3.2 RAPPORT ANNWALI

3.3 EVALWAZZJONI

# 1 APPROĊĊI U METODI TA' IMPLIMENTAZZJONI

## 1.1 IPPJANAR TA' MIŻURI MMEXXI MIR-RIŻULTATI

Abbażi tal-prinċipju ta' approċċ ibbażat fuq ir-riżultati għall-ippjanar, l-implimentazzjoni, l-għoti ta' rendikont u l-monitoraġġ tal-operazzjonijiet u l-attivitajiet tal-Istitut, il-Programm ta' Ħidma huwa mibni fuq il-metodu aċċettat universalment ta' Maniġġjar ibbażat fuq ir-Riżultati (Results-Based Management - RBM).

Fil-prattika, huwa se jibni l-ħidma fuq il-katina ta' riżultati (impatt-riżultat-output-input). Jiġifieri, biex jikkontribwixxi għall-objettivi ġenerali, oqsma speċifiċi u konkreti tax-xogħol se jagħtu riżultati jew kisbiet li jistgħu jitkejlu fuq perspettiva ta' terminu medju. Dawn se jinġħataw (jew jinkisbu) permezz ta' outputs jew riżultati immedjati minn attivitajiet konkreti jew inputs li jsiru f'oqsma speċifiċi tax-xogħol.

Biex jagħmlu monitoraġġ tal-progress, se jkunu żviluppati indikaturi fil-livelli kollha li għalihom ser tiġi stabbilita dejta fil-linja bażi matul l-ewwel sena ta' ħidma. Huwa importanti li jiġi enfasizzat li l-indikaturi f'livell ta' impatt se jkunu żviluppati bisswara evalwazzjoni *ex-ante* li tiġbor l-informazzjoni biex tkejjel bidliet fis-soċjetà u fl-ambjent estern.

## 1.2 MANIĠĠJAR TAR-RISKJU U STANDARDS TA' KONTROLL INTERN

Matul l-ewwel snin tal-operazzjoni tiegħu, u b'mod partikolari meta l-persunal il-ġdid ikun reklutat, l-EIGE se janalizza r-riskji interni u esterni kollha li jista' ikollhom impatt fuq l-operazzjonijiet tiegħu. Wara huwa jiżviluppa sistema ta' maniġġjar effettiv tar-riskju. Is-soluzzjonijiet u l-miżuri se jkunu integrati fl-Istandards Interni ta' Kontroll.

## 1.3 OQSMA TA' KOMPETENZA

B'mod konformi mar-Regolament[3], l-Istitut għandu jwettaq il-kompiti tiegħu fil-kompetenzi tal-UE fid-dawl tal-objettivi adottati u l-oqsma ta' prijorità identifikati fil-programm annwali tiegħu. Il-programm ta' ħidma tal-Istitut għandu jkun konformi mal-prijoritajiet tal-UE fil-qasam tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni, inkluż il-ħidma tiegħu fl-istatistika u r-riċerka.

## 1.4 APPROĊĊ TA' IMPLIMENTAZZJONI FL-EIGE

### 1.4.1 Kontribut konġunt għall-objettivi

Biex jilqa' għall-isfidi ppreżentati fir-Regolament, l-Istitut għandu jkollu organizzazzjoni strutturata tajjeb u ffukata ħafna li tkun flessibbli ħafna u sensittiva għall-ambjent li qed jinbidel. Biex ittejjeb l-effettività operattiva u tinkoraġġixxi l-iżvilupp tal-kompetenza interna u t-tagħlim, hija ppjanata organizzazzjoni orizzontali ta' żewġ unitajiet.

*L-Unità Amministrattiva,* li prinċipalment se tassigura t-tmexxija finanzjarja u amministrattiva mingħajr xkiel tal-Istitut, se tkun qed tipparteċipa fil-proċess tal-monitoraġġ tal-kisba tal-objettivi u tipparteċipa fl-attivitajiet ta' komunikazzjoni tal-Istitut.

*L-Unità Operattiva* se tikkonsisti f'erba' timijiet li jappoġġjaw lil xulxin b'mod reċiproku permezz tal-kompetenza speċjali ta' kull tim, u għalhekk tikkontribwixxi għal riżultat ikkonsolidat. Kemm jista' jkun it-timijiet se jkunu mmexxija minn espert anzjan li jikkoordina l-ħidma tat-tim u jkun involut fil-monitoraġġ tal-bidla.

---

[3] Regolament (KE) Nru 1922/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2006:403:0009:0017:EN:PDF

*It-Tim tal-Metodi u l-Għodod* se jassisti lit-timijiet l-oħra biex jiżviluppaw u jagħtu l-evidenza soda li għandha tintuża biex tagħti bażi għall-ħidma, għall-interpretazzjoni tal-informazzjoni u sabiex tiġi ppreżentata b'mod faċli għall-utent, u sabiex jiġu żviluppati settijiet ta' għodda għall-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi għal aktar tixrid tal-informazzjoni internament, fost dipartimenti u istituzzjonijiet varji tal-UE u esternament, fost l-Istati Membri, l-aġenziji u l-partijiet interessati oħra rilevanti.

*It-Tim tal-Oqsma Tematiċi/ta' Prijorità* se jaħdem fuq il-kwistjonijiet u l-problemi speċifiċi tal-oqsma magħżulin, li huma jew deċiżi mill-korpi tal-Istitut jew mitluba mill-partijiet interessati. Dan it-tim se jikkoopera wkoll ma' timijiet oħra fil-pubblikazzjoni, it-tixrid u l-preżentazzjoni tas-sejbiet lill-utenti finali.

*It-Tim tal-Komunikazzjoni u t-Tkabbir tal-Għarfien* se jaħdem mat-timijiet l-oħra u jgħinhom biex jidentifikaw il-kwistjonijiet u l-messaġġi li għandhom ikunu kkomunikati, il-gruppi ta' mira u l-kanali ta' komunikazzjoni. Huma se jgħinu lit-timijiet l-oħra biex jipproduċu stqarrijiet għall-istampa u materjal ta' preżentazzjoni għall-web u pubblikazzjonijiet, kif ukoll l-ippjanar ta' kampanji.

*It-Tim tan-Networking u l-partijiet interessati* se jikkooperaw ma' timijiet oħra dwar l-ipproċessar tal-*feedback* u l-informazzjoni, l-ippjanar u l-organizzazzjoni ta' *seminars* u *round tables* fuq kwistjonijiet speċifiċi u l-iżvilupp ta' kanali għat-tixrid tas-sejbiet, ir-riċerka u l-pubblikazzjonijiet.

### 1.4.2 Tixrid ta' informazzjoni integrat fl-attivitajiet kollha

L-esperjenza miksuba minn ħafna atturi u organizzazzjonijiet li jaħdmu fil-qasam tal-ugwaljanza bejn is-sessi turi li riżorsi sinjifikanti jinħlew f'xogħol doppju ta' riċerka, żvilupp tal-mudelli u tal-għodod, u ġbir ta' dejta u statistika. Din il-ħela ġeneralment tiġi minn tixrid fqir jew aċċessibilità limitata tal-materjal lill-utenti rilevanti. Biex jikkapitalizza fuq riżorsi komuni u jiffaċilita t-tixrid ta' riżorsi eżistenti, l-EIGE se jippjana u jintegra fl-attivitajiet kollha tiegħu miżuri għat-tixrid intern u estern tal-informazzjoni u s-sejbiet.

### 1.4.3 Konsultazzjoni u kooperazzjoni mal-partijiet interessati u l-imsieħba kollha

Biex jikseb sinerġiji u jtejjeb l-impatti, l-Istitut se jikkonsulta mal-partijiet interessati ewlenin biex jaċċerta jekk humiex interessati li jipparteċipaw f'attivitajiet jew avvenimenti speċifiċi, jew biex jirranġaw studji konġunti, riċerka jew kwalunkwe attività oħra. Għal dan il-għan se jkunu ppjanati laqgħat regolari *inter alia* mal-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni, b'mod partikolari mad-DĠ Impjiegi, Affariiet Soċjali u Opportunitajiet Indaqs mal-Istati Membri u organizzazzjonijiet u msieħba oħrajn, inkluż il-Kunsill tal-Ewropa u l-korpi u l-aġenziji adatti tan-Nazzjonijiet Uniti, bil-għan li jkun aġġornat u aġġustat il-pjan ta' attività taħt il-Programm.

Biex jevita xogħol doppju u jassigura l-aqwa użu possibbli tar-riżorsi, l-Istitut, kif stipulat fir-Regolament, se jaħdem mill-qrib mal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol, l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, iċ-Ċentru għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali.

### 1.4.4 Involviment tal-Istati Membri permezz tas-sekondar ta' esperti nazzjonali

Għal oqsma speċifiċi ta' interess jew talbiet għal riċerka u metodi speċjali li għandhom ikunu żviluppati barra mill-oqsma tal-programm ta' Ħidma, il-Bord tat-Tmexxija jista' jadotta dispożizzjonijiet li jippermettu esperti nazzjonali mill-Istati Membri biex ikunu ssekondati lill-Istitut.

# 2 Programm ta' Ħidma 2010-2012

Biex jikkontribwixxi għall-ksib tal-objettivi ġenerali, l-Istitut se jorganizza l-ħidma tiegħu madwar l-oqsma ta' attività magħżula, biex jagħti riżultati (riżultati fuq terminu medju). Riżultati konkreti u immedjati (outputs) se jkunu ppjanati u ppreżentati fil-Programm ta' Ħidma Annwali. Indikaturi tal-eżitu huma suġġeriti f'kull qasam ta' attività biex jiżviluppaw qafas għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-progress fil-futur.

Il-kompiti stabbiliti fir-Regolament huma marbuta ma' oqsma rilevanti tal-ħidma tal-EIGE u ppreżentati hawn taħt.

## 2.1 Qasam fokali 1: Twaqqif istituzzjonali tal-istitut

**Riżultat mistenni** jew riżultat fuq terminu medju tal-qasam tal-attività (għall-perjodu 2010-2012):
**Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi — aġenzija effettiva tal-UE, kompetenti fil-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi**

### 2.1.1 Assigurazzjoni tal-indipendenza amministrattiva u finanzjarja

*Eżitu tal-attività*: **L-EIGE jiffunzjona b'mod sħiħ bħala korp indipendenti tal-UE**

Dan il-qasam ta' attività għandu jkun komplet sal-2012, meta l-persunal kollu jkun reklutat u l-istitut ikun żviluppa s-sistemi amministrattivi u finanzjarji meħtieġa biex ikun operattiv u indipendenti b'mod sħiħ. Biex tibni bażi soda għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-progress, se tkun ikkummissjonata evalwazzjoni *ex-ante* matul it-tieni trimestru tal-2010, b'evalwazzjoni interim ippjanata fl-2012.

Sa tmiem l-2012, l-EIGE huwa mistenni li jkun żviluppa l-potenzjal tiegħu li jagħti għajnuna professjonali fil-qasam tal-ugwaljanza bejn is-sessi lill-utenti u l-imsieħba.

Bħala pass importanti fil-proċess tat-twaqqif tal-EIGE, huwa ppjanat avveniment ta' ftuħ uffiċjali f'Mejju-Ġunju 2010 fil-jum meta l-Istitut jikseb indipendenza amministrattiva u finanzjarja sħiħa.

*Indikaturi tal-eżitu*: Avveniment uffiċjali li jniedi l-operazzjonijiet tal-EIGE sa tmiem it-tieni trimestru tal-2010; pjan ta' twaqqif komplet sal-2011; numru ta' papers, riċerka u pubblikazzjonijiet; żieda fit-talba għas-servizzi tal-EIGE; numru ta' talbiet imwieġba b'manjiera professjonali; żieda fin-numru ta' kompiti mitluba u mogħtija.

### 2.1.2 Korpi tal-EIGE

*Eżitu tal-attività*: **Korpi tal-aġenzija effettivi u operattivi**

**Bord tat-Tmexxija**

Kif stipulat fir-Regolament, il-Bord tat-Tmexxija għandu jieħu d-deċiżjonijiet meħtieġa għall-operazzjoni tal-Istitut. B'mod partikolari, huwa għandu:

- *jadotta l-programm ta' ħidma annwali u l-programm ta' ħidma għal terminu medju;*
- *jadotta r-rapport annwali li jqabbel, partikolarment, ir-riżultati miksuba mal-objettivi tal-programm ta' ħidma annwali;*
- *jeżerċita awtorità dixxiplinarja fuq id-Direttur u jaħtru/jaħtarha jew ikeċċih/ikeċċiha;*
- *jadotta l-abbozzi u l-verżjonijiet finali tal-baġit annwali tal-Istitut.*

*Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta r-regoli interni tal-Istitut u r-regoli ta' proċedura tiegħu.*

Din l-attività se tinkludi l-organizzazzjoni tal-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija u l-Forum tal-Esperti.

F'Mejju 2010, se ssir rotazzjoni tal-Istati Membri u l-Bord tat-Tmexxija se jibda t-terminu l-ġdid tal-uffiċċju tiegħu billi jeleġġi l-President u l-Viċi-President. Matul il-Programm ta' Ħidma għal terminu medju, il-Bord tat-

Tmexxija se jadotta d-dokumenti ewlenin kollha tal-Istitut, i.e. il-Programmi ta' Ħidma Annwali tiegħu, il-baġits annwali, ir-Regoli Interni, id-Dispożizzjonijiet Implimentattivi għar-Regolamenti tal-Persunal u r-regoli u l-linji gwidi rilevanti l-oħra kollha.

**Forum tal-Esperti**

Kif stipulat fir-Regolament, ir-Rwol tal-Forum tal-Esperti:

- *għandu jappoġġja lid-Direttur biex jassigura l-eċċellenza u l-indipendenza tal-attivitajiet tal-Istitut;*
- *għandu jikkostitwixxi mekkaniżmu għall-iskambju tal-informazzjoni b'rabta mal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-ġabra flimkien tal-għarfien. Huwa għandu jassigura kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istitut u korpi kompetenti fl-Istati Membri.*

Il-Forum tal-Esperti, imwaqqaf f'Diċembru 2009, se jniedi l-ewwel żewġ gruppi ta' ħidma fl-2010 u jiżviluppa l-metodi u l-mezzi ta' ħidma li jagħtu pariri dwar oqsma ta' riċerka, studji u studji fattibbli futuri. Se tibda wkoll ħidma fuq l-identifikazzjoni tal-kanali t-tajba għat-tixrid tal-informazzjoni lill-Istati Membri, imsieħba soċjali u msieħba oħra kollha involuti. Ikun determinat ukoll l-involviment tal-Forum tal-Esperti f'kampanji, *round tables* u *seminars* matul l-implimentazzjoni tal-Programm ta' Ħidma fuq Terminu medju.

*Indikaturi tal-eżitu*: Bord tat-Tmexxija ġdid jiffunzjona sa tmiem it-tieni trimestru tal-2010; Regoli Interni tal-EIGE, Programm Annwali ta' Ħidma għall-2010, Programm ta' Ħidma għal Terminu medju għall-2010-2012, Dispożizzjonijiet Implimentattivi li jifdal għar-Regolamenti tal-Persunal adotatti sa tmiem l-2010; gruppi ta' ħidma tal-Forum tal-Esperti mwaqqaf matul l-2010-2011; l-ewwel suġġerimenti dwar oqsma ta' riċerka sa nofs l-2011.

## 2.2 QASAM FOKALI 2: APPOĠĠ GĦAR-RIĊERKA U L-ĦIDMA TA' POLITIKA TAL-ISTITUZZJONIJIET TAL-UE U TAL-ISTATI MEMBRI

**Riżultat mistenni** jew riżultat fuq medda ta' żmien twil tal-qasam tal-attività (perjodu 2010-2012):

**Metodi u għodod effettivi disponibbli biex jippromwovu l-ħidma fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-integrazzjoni tal-perspettiva tas-sess fil-politika u implimentazzjoni prattika tal-politiki.**

Viżibbiltà tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel mhijiex possibbli mingħajr informazzjoni speċifika fuq is-sessi. Din l-informazzjoni għandha tkun soġġetta għal analiżi u interpretazzjoni u jridu jingħataw tweġibiet għall-ispeċifiċità ta' relazzjoniiet tas-sessi f'kuntesti kulturali u soċjali varji. Għandha tiffoka wkoll fuq ostakli moħbija għall-ugwaljanzi bejn in-nisa u l-irġiel u possibilitajiet għal diskriminazzjoni diretta jew indiretta tan-nisa jew l-irġiel fl-oqsma kollha tal-ħajja.

Il-politika u l-proċeduri tal-implimentazzjoni jvarjaw bejn l-Istati Membri. L-istess japplika wkoll matul il-proċess ta' rappurtar u l-ġbir tad-dejta għall-għoti ta' evidenza soda biex ikunu jistgħu jitfasslu konklużjonijiet. Il-prestazzjoni ta' korpi varji tal-UE fir-rigward tal-integrazzjoni tal-perspettiva tan-nisa u l-irġiel f'politiki varji u l-implimentazzjoni prattika tagħhom mhijiiex faċli li tkun imkejla. Għodod u metodi prattiċi għandhom ikunu strutturati u mtejba.

Kif stipulat fir-Regolament, l-EIGE għandu:

- *jiġbor, janalizza u jxerred informazzjoni rilevanti, oġġettiva, komparabbli u affidabbli fir-rigward tal-ugwaljanza bejn is-sessi, inkluż ir-riżultati mir-riċerka u l-aqwa prattiki li jkunu kkomunikati lilu mill-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tal-Komunità, ċentri tar-riċerka, korpi nazzjonali għall-ugwaljanza, organizzazzjonijiet mhux governattivi, imsieħba soċjali, pajjiżi terzi rilevanti u organizzazzjonijiet internazzjonali, u jissuġġerixxi oqsma għal iktar riċerka;*
- *jiżviluppa metodi biex itejjeb l-oġġettività, il-komparabilità u l-affidabbiltà tad-dejta f'livell Ewropew billi jistabbilixxi kriterji li jtejbu l-konsistenza tal-informazzjoni u jqisu kwistjonijiet tas-sessi fil-ġbir tad-dejta.*

*Indikaturi f'livell ta' riżultat*: klassifikazzjoni tal-informazzjoni u d-dejta eżistenti dwar is-sessi sat-tielet trimestru tal-2011; numru ta' pajjiżi involuti f'kooperazzjoni bilaterali sa tmiem l-2012.

## 2.2.1 Żvilupp ta' dejta, statistika u indikaturi affidabbli

*Eżitu tal-attività* jew riżultat fuq medda ta' żmien twil tal-qasam tal-attività (perjodu 2010-2012)**: Dejta oġġettiva, komparabbli u affidabbli disponibbli għall-analiżi tas-sessi u ħidma fuq l-ugwaljanza**

Dan il-qasam se jittratta l-ġbir, l-analiżi u l-interpretazzjoni ta' dejta u statistika eżistenti. Se jkopri wkoll l-armonizzazzjoni ta' indikaturi eżistenti u dejta miġbura, it-titjib ta' indikaturi eżistenti, u t-tisħiħ tal-kapaċità statistika tal-korpi tal-UE u partijiet interessati oħra f'oqsma ġodda. Se jkunu determinati modi għal żvilupp ulterjuri ta' indikaturi eżistenti u promozzjoni ta' użu iktar sistematiku tal-indikaturi mill-Istati Membri u utenti oħra.

L-Istitut se jippromwovi wkoll l-użu tal-indikaturi u d-dejta rilevanti, u jassigura t-tixrid wiesa' tad-dejta u l-informazzjoni statistika għall-utenti kollha. Għal dak l-għan se jkunu żviluppati u ppubblikati pubblikazzjonijiet dwar l-aqwa prattiki fl-analizzar, l-interpretar u l-ġbir tad-dejta u l-informazzjoni fost l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

Biex jagħmel użu tad-dejta u l-informazzjoni eżistenti u biex iżid id-dimensjoni tas-sessi fl-oqsma nieqsa jew l-inqas riċerkati tal-istħarriġ, se tkun stabbilita kooperazzjoni mal-Eurostat, korpi nazzjonali tal-istatistika u istituzzjonijiet akkademiċi tar-riċerka.

Il-ħtieġa li tkun miġġielda l-vjolenza abbażi tas-sess u li jsir il-ġbir u t-tixrid tal-informazzjoni fuq metodi u prattiki effettivi biex tkun miġġielda l-vjolenza kontra n-nisa kienet enfasizzata mill-Presidenzi Svediżi u Spanjoli tal-UE, minn Stati Membri individwali u NGOs varji. Ir-rappurtar dwar il-progress fil-ġlieda kontra l-vjolenza fuq bażi tas-sess fil-kuntest tal-ħidma fuq Beijing PfA u CEDAW[4], b'mod partikolari fir-reviżjoni jew l-iżvilupp ta' indikaturi ġodda, se jkunu parti mill-ħidma tal-EIGE. Fil-kuntest tal-qafas ta' politika fuq il-vjolenza abbażi tas-sess li l-Kunsill stieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta (ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 2 hawn fuq) u li se tinkludi l-ewwel passi biex ikun imwaqqaf Osservatorju Ewropew għall-Vjolenza kontra n-Nisa, l-EIGE se jkun involut fil-ġbir, l-analiżi u t-tixrid ta' dejta u informazzjoni komprensiva u komparabbli fuq il-vjolenza kontra n-nisa, ġbir u skambju tal-aqwa prattiki tal-prevenzjoni u l-protezzjoni tal-vittmi. Ħidma fuq l-iżvilupp ta' metodi u

[4] Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW)

l-istrumenti applikati għall-armonizzazzjoni tad-dejta se tgħin biex jitħejjew kriterji komuni biex ikun irrappurtat u evalwat il-progress u se toffri lill-istati Membri l-aħħar studji u għarfien disponibbli fil-qasam.

Fl-2010 se tkun imnedija ħidma preparatorja li tinvolvi l-ġbir ta' dejta u statistika eżistenti. Dan se jkun jinvolvi partikolarment l-għoti ta' appoġġ tekniku lill-Kunsill fl-implimentazzjoni u s-segwitu tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Bejġing u t-tixrid u l-aġġornament tal-indikaturi. Fl-2011, l-EIGE se jagħmel ħidma preparatorja għall-proposta tal-indikaturi f'oqsma kritiċi ta' tħassib.

Jeżistu indikaturi f'disa' mill-oqsma kritiċi tat-tħassib tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Bejġing[5]. Id-dejta mhijiex disponibbli għall-indikaturi kollha u, anke fejn hija disponibbli, id-dejta mhijiex neċessarjament mxerrda u analizzata b'mod viżibbli. Matul il-perjodu 2010-2012, l-EIGE se jippjana u jimplimenta attivitajiet li se jżidu l-utilità u l-viżibilità permezz tas-sit elettroniku tiegħu.

Fuq il-bażi tar-reviżjoni ta' indikaturi eżistenti, li saret fl-2010, l-EIGE se jkun kapaċi jipprovdi pariri dwar l-aġġornament u t-titjib ta' indikaturi eżistenti.

Fit-tieni stadju (mill-2011 'l quddiem), l-Istitut se jikkontribwixxi għall-ħidma tal-Kunsill fid-definizzjoni tal-indikaturi permezz tat-tħejjija tar-rapporti u d-dejta fl-oqsma tat-tħassib tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Bejġing li għandhom ikunu koperti mill-Kunsill.

Fil-kuntest tal-kompiti proposti, grupp ta' ħidma li jinkludi membri tal-Forum ta' Esperti tal-Istitut u numru ta' esperti fil-qasam jista' jkun imwaqqaf biex jgħin lill-EIGE f'dan il-kompitu.

Biex jappoġġja l-Presidenzi suċċessivi l-EIGE se jgħin fl-iżvilupp tal-indikaturi u tal-informazzjoni għall-*benchmarking*.

Se jkunu mfittxija sinerġiji mal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol, l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, iċ-Ċentru għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali.

Barra minn hekk, se tkun diskussa kooperazzjoni ma' ftit organizzazzjonijiet internazzjonali bħan-Nazzjonijiet Uniti, l-OECD u l-Bank Dinji għall-iskambju tad-dejta, indikaturi, analizzar u tixrid tal-informazzjoni. Awtoritajiet reġjonali u lokali — kif ukoll NGOs dwar is-sessi u n-nisa fl-Istati Membri — se jkunu kkuntattjati wkoll biex jiġu vverifikati l-livell ta' interess, is-sorsi ta' dejta u l-esperjenza eżistenti tagħhom.

L-informazzjoni ser tiġi mqassma:

(i) fost it-timijiet tal-Istitut biex sabiex ikunu jistgħu jużaw il-fatti u l-evidenza meħtieġa fil-ħidma tagħhom;

(ii) lill-Kummissjoni sabiex jingħata appoġġ tekniku;

(iii) lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat tar-Reġjuni;

(iv) lill-Istati Membri u l-korpi nazzjonali rilevanti;

(v) lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew biex jiġu ppreżentati r-riżorsi eżistenti u jiġu mħeġġa l-użu ta' dejta u statistika relatati mas-sessi, b'mod partikolari mal-indikaturi ta' Beijing;

(vi) lill-imsieħba l-oħra u l-awtoritajiet reġjonali/lokali biex jingħata appoġġ għall-ħidma tagħhom u jiġi promoss l-użu tal-istatistika; u

(vii) lill-utenti l-oħra kollha biex jiġu mwieġba l-mistoqsijiet tagħhom u biex tiġi pprovduta evidenza soda u affidabbli għal dibattiti jew diskussjonijiet fil-qasam tal-ugwaljanza bejn is-sessi.

---

[5] Għal lista ta' indikaturi u links għall-konklużjonijiet u r-rapporti tal-Kunsill, ara: http://ec.europa.eu/social/BlobServlet?docId=3682&langId=en

*Indikaturi f'livell ta' eżitu*: kooperazzjoni mal-Eurostat u d-DĠ IMPJIEGI maħduma sa tmiem it-tieni trimestru tal-2010; kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet kollha rilevanti tar-riċerka u akkademiċi u produtturi ta' dejta u informazzjoni mwaqqfa sa tmiem l-2012; klassifikazzjoni ta' dejta u informazzjoni eżistenti dwar is-sessi sa Novembru 2011; ħidma fuq l-indikaturi ta' Beijing imnedija sal-2010; pubblikazzjoni tal-aqwa prattiki sal-2012.

### 2.2.2 Żvilupp ta' għodod u metodi ta' integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi

*Eżitu tal-attività* jew riżultat fuq medda ta' żmien twil tal-qasam tal-attività (perjodu 2010-2012)**: Għodod prattiċi effettivi li jappoġġjaw l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi disponibbli għall-utenti**

Kif stipulat fir-Regolament, l-EIGE għandu:

- *jiżviluppa, janalizza, jevalwa u jxerred għodod metodoloġiċi biex jappoġġja l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-politiki kollha tal-Komunità u l-politiki nazzjonali li jirriżultaw minnha u biex jappoġġja l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-Komunità;*
- *jipprovdi informazzjoni lill-Istituzzjonijiet tal-Komunità dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-integrazzjoni tal-ġeneru fil-pajjiżi tal-aċċess u u l-pajjiżi kandidati;*
- *jagħmel l-informazzjoni dwar l-integrazzjoni bejn is-sessi disponibbli għall-pubbliku u l-organizzazzjonijiet privati.*

Din l-attività se tipprovdi appoġġ tekniku lill-partijiet interessati u lill-imsieħba billi tiġbor prattiki effettivi fir-rigward tal-użu ta' għodod ta' integrazzjoni tas-sessi, l-aġġustament ta' metodi eżistenti għal ħtiġijiet speċifiċi, u l-iżvilupp, meta meħtieġ, ta' metodi u approċċi ġodda ta' integrazzjoni. L-esperjenza u l-bażi ta' riżorsi ta' atturi oħra, bħal organizzazzjonijiet internazzjonali, eż. Il-Kunsill tal-Ewropa u s-CEMR, u l-awtoritajiet reġjonali u lokali tal-Istati Membri u pajjiżi terzi jkunu kkunsidrati wkoll. Ser jinġabru u jiġu pproċessati wkoll metodi żviluppati u użati min-nisa jew organizzazzjonijiet ta' *lobbying* biex jiġu integrati kwistjonijiet speċifiċi dwar is-sessi.

Fuq talba, l-Istitut se jgħin ukoll lill-Presidenzi fl-isforzi tagħhom biex jintegraw l-ugwaljanza bejn is-sessi matul l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020.

Se jkunu żviluppati u mqassma lill-utenti finali settijiet ta' għodda u manwali, listi ta' verifika u linji gwida biex isir monitoraġġ tal-progress. Jistgħu jintgħażlu oqsma speċifiċi li jeħtieġu iktar attenzjoni.

Ser tiġi ċċirkulata informazzjoni fuq is-sejbiet, ir-riżorsi u l-għodod (i) internament biex tkabbar il-kompetenza tal-persunal u tippermettilhom jużaw l-għodod; (ii) lill-korpi tal-EIGE biex jiġi kkonsolidat l-approċċ; (iii) lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri għall-promozzjoni ta' integrazzjoni effettiva bejn is-sessi; (iv) lill-partijiet interessati l-oħra kollha għall-appoġġ tal-ħidma tagħhom; u (v) lill-utenti l-oħra kollha li huma interessati f'integrazzjoni aħjar tas-sessi, bħal pereżempju pajjiżi fil-fażi ta' adeżjoni jew kandidati jew jew pajjiżi terzi.

*Indikaturi tal-eżitu:* inventarju tal-ħtiġijiet u d-diffikultajiet tal-integrazzjoni tas-sessi u dwar mudelli u metodi eżistenti li rnexxew li tlestew sa nofs it-tielet trimestru tal-2011; tixrid tal-aqwa mudelli mniedi sa tmiem l-2011; informazzjoni dwar l-integrazzjoni ppreżentata lill-Presidenzi sa nofs l-2011; database fuq diversi approċċi għall-integrazzjoni żviluppata sa tmiem l-2012; l-ewwel settijiet tal-għodda u manwali żviluppati sa tmiem l-2012.

### 2.2.3 Ġbir, dokumentazzjoni u tixrid tal-aqwa prattiki

*Eżitu tal-attività* jew riżultat fuq medda ta' żmien twil tal-qasam tal-attività (perjodu 2010-2012): **Kundizzjonijiet għall-ġbir u l-kondiviżjoni tal-aqwa prattiki maħluqa**

Kif stipulat fir-Regolament, l-EIGE għandu:

- *jagħmel stħarriġ fuq is-sitwazzjoni fl-Ewropa fir-rigward tal-ugwaljanza bejn is-sessi;*
- *jorganizza laqgħat ad hoc tal-esperti biex jappoġġja l-ħidma tal-Istitut fir-riċerka, iħeġġeġ l-iskambju tal-informazzjoni fost ir-riċerkaturi u jippromwovi l-inklużjoni tal-perspettiva tas-sessi fir-riċerka;*
- *jagħmel ir-riżorsi ta' dokumentazzjoni aċċessibbli għall-pubbliku.*

Bil-baġit limitat tiegħu, l-Istitut se jikkummissjona l-istudji meħtieġa u jikkoopera mal-Kummissjoni u l-korpi tal-UE fir-riċerka dwar is-sessi.

Se tkun imwaqqfa kooperazzjoni fuq it-tixrid ta' materjal u informazzjoni rilevanti mal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol, l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, iċ-Ċentru għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali.

Għal dan il-għan, se jkunu żviluppati u maħluqa fl-Istitut ċentru ta' dokumentazzjoni għall-aqwa prattiki bbażat f'Vilnius, database u ċentru ta' riżorsi/librerija online speċjalment għall-'*grey literature*'/fuljetti dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi.

It-tixrid tal-informazzjoni huwa parti importanti ħafna ta' din l-attività. Għalhekk se jkun hemm il-ħtieġa li tkun żviluppata strateġija għall-komunikazzjoni u t-tixrid ta' dawn is-sejbiet u l-metodi żviluppati lil diversi gruppi ta' mira u utenti finali. Ta' importanza għal skambju b'suċċess tal-aqwa prattika huwa l-kunċett li jiġu indirizzati membri tal-gvernijiet pubbliċi. Bħala parti mill-istrateġija ċ-ċentru ta' dokumentazzjoni se joffri ħinijiet tal-ftuħ attraenti, u se jkunu organizzati avvenimenti, bħal *seminars* u *round tables*, biex jippermettu d-diskussjoni u jippromwovu l-iktar għodod u linji gwida effettivi.

*Indikaturi tal-eżitu:* database dwar ir-riċerka disponibbli aċċessibbli għall-utenti sa Ġunju 2012; kuntatti stabbiliti ma' organizzazzjonijiet u ċentri ta' riċerka rilevanti sa tmiem l-2011; ċentru tar-riżorsi elettroniċi operattiv b'mod sħiħ sa tmiem l-2011; l-ewwel oqsma ta' riċerka magħżula sal-2011; numru ta' utenti taċ-ċentru tad-dokumentazzjoni: 10 kull xahar fl-2011.

## 2.3 Qasam fokali 3: Oqsma tematiċi jew ta' prijorità

Minħabba li t-Trattati ewlenin tal-UE jipprovdu li l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa għandha tkun assigurata fl-oqsma kollha, u li l-UE għandha taħdem biex telimina l-inugwaljanzi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa fl-attivitajiet kollha tagħha, huwa importanti li l-Istitut jagħżel qasam ta' ħidma għal investigazzjoni iktar fil-fond u kumplessa.

### 2.3.1 Indiċi tal-UE tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi

*Eżitu tal-attività* jew riżultat fuq medda ta' żmien twil tal-qasam tal-attività (perjodu 2010-2012)*:*
**Żviluppat indiċi li jevalwa l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-Istati Membri**

L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija kwistjoni kumplessa u b'ħafna aspetti, fejn mhuwiex faċli li wieħed ikejjel u jevalwa l-progress. L-għarfien ta' differenzi eżistenti bejn is-sessi u r-rieda politika li jiġu eliminati jvarjaw fost l-Istati Membri. Minħabba n-nuqqas ta' dejta affidabbli, komparabbli u armonizzata, huwa aktar diffiċli li jkunu

identifikati differenzi bejn is-sessi u li jkunu ppjanati miżuri u riżorsi biex tkun eliminata diskriminazzjoni li jista' jkun hemm, l-esklużjoni u ċ-ċaħda intenzjonata jew involontarja tad-drittijiet ugwali għan-nisa u l-irġiel.

Biex jinbidel il-fokus minn żvilupp ġenerali għal ugwaljanza bejn is-sessi jeħtieġ li tinħoloq sistema komuni ta' evalwazzjoni u għoti ta' marki lill-Istati Membri – Indiċi tal-UE tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi.

L-indiċi se jintuża biex jiġi identifikat il-grad ta' (in)ugwaljanza f'punt partikolari taż-żmien, biex jiġu identifikati l-kawżi ta' (in)ugwaljanzi bil-għan li jiġu ssuġġeriti politiki li jnaqqsu l-inugwaljanza, u li jsir monitoraġġ tal-impatt ta' dawn il-politiki matul iż-żmien.

Matul l-2010, l-EIGE se jibda ħidma preparatorja fuq l-indiċi l-ġdid. L-ewwel pass se jkun li jidentifika s-sorsi ta' dejta eżistenti u futuri, janalizza u, fejn xieraq, jimmodifika l-indiċi eżistenti.

It-tieni pass se jkun li jkun iffinalizzat l-Indiċi tal-UE u tinxtered informazzjoni dwaru (metodi, marki tal-pajjiżi u interpretazzjoni).

Aspett ieħor meħtieġ tal-ħidma se jkun it-tħejjija ta' aġġornament regolari tal-indiċi fil-futur, permezz ta' identifikazzjoni ta' sorsi armonizzati ta' dejta u/jew nuqqasijiet fl-istatistika.

Is-sejbiet u r-riżultati kollha se jkunu ppreżentati u mxerrda regolarment mal-Bord tat-Tmexxija tal-EIGE, il-Forum tal-Esperti tiegħu u l-partijiet interesssati kollha bħall-PE, il-Kummissjoni u l-Istati Membri.

*Indikaturi tal-eżitu*: Qafas għall-Indiċi żviluppat sa tmiem l-2010; metodi li jarmonizzaw sorsi ta' dejta u informazzjoni diskussi sa tmiem l-2011; l-ewwel sejbiet/pubblikazzjonijiet sa tmiem l-2011; tixrid regolari tal-informazzjoni jibda fl-2012.

## 2.4 Qasam fokali 4: Tqajjim tas-sensibilizzazzjoni, networking u komunikazzjoni

*Riżultat tal-qasam tal-attività* jew riżultat fuq medda ta' żmien twil tal-qasam tal-attività (perjodu 2010-2012)**:**

**Is-soċjetà Ewropea, imsieħba fin-netwerk u gruppi ta' mira magħżula jappoġġjaw u jippromwovu l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel**

It-tqajjim tas-sensibilizzazzjoni ġeneralment jimmira mhux biss biex ixerred il-kisbiet u l-prattiki tajba iżda wkoll li jibdel attitudnijiet soċjali, ikisser sterjotipi bbażati fuq is-sessi u jagħmel id-differenza bejn is-sessi iktar viżibbli. Dan il-proċess huwa twil, jieħu ż-żmien, u iktar diffiċli biex jitkejjel. Differenzi kulturali, kuntestwali u ta' lingwa madwar l-Istati Membri ukoll joħolqu sfida.

In-netwerking huwa wkoll għodda effettiva għat-tkabbir tal-għarfien u t-tisħiħ tad-djalogu. Il-ħidma transkonfinali, it-twaqqif ta' sħubijiet għall-istess għan u l-għaqda tal-forzi f'attivitajiet ta' *lobbying* ilhom li kienu ppruvati bħala strateġija tajba u effettiva ta' suċċess.

Ir-Regolament jgħid li l-Istitut għandu dawn il-kompiti li ġejjin f'dan il-qasam:

- *ixerred l-informazzjoni rigward eżempji pożittivi ta' rwoli mhux sterjotipati għan-nisa u l-irġiel f'kull qasam tal-ħajja, jippreżenta s-sejbiet u l-inizjattivi tiegħu mfassla biex jagħmlu pubbliċi u jibnu fuq stejjer ta' suċċess bħal dawn;*
- *biex ikabbar l-għarfien taċ-ċittadini tal-UE tal-ugwaljanza bejn is-sessi, jorganizza, mal-partijiet interessati rilevanti, konferenzi, kampanji u laqgħat f'livell Ewropew, u jippreżenta s-sejbiet u l-konklużjonijiet lill-Kummissjoni.*

### 2.4.1 INFORMAZZJONI INIZJALI DWAR L-ISTITUT GĦAĊ-ĊITTADINI TAL-UE U GRUPPI TA' MIRA VARJI

*Eżitu tal-attività* jew riżultat fuq medda ta' żmien twil tal-qasam tal-attività (perjodu 2010-2012):

**Iċ-ċittadini tal-UE huma konxji mill-eżistenza u l-mandat tal-Istitut**

#### 2.4.1.1 Żvilupp ta' strateġija ta' komunikazzjoni

Biex jippjana approċċ effettiv l-Istitut se jibda fl-2010 billi jiżviluppa strateġija ta' komunikazzjoni fuq medda ta' żmien twil għat-tqajjim tas-sensibilizzazzjoni, in-netwerking u attivitajiet ta' komunikazzjoni esternament, lejn il-partijiet interessati u l-utenti kollha, u internament, lejn il-persunal.

L-istrateġija se twaqqaf numru ta' gruppi pilota u tippjana kooperazzjoni mal-partijiet interessati biex ixxerred l-informazzjoni. Ir-relazzjonijiet mal-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea se jkunu prijorità ewlenija tal-istrateġija.

Se jkunu żviluppati u użati diversi mezzi, bħall-midja awdjoviżiva permezz tal-internet (strutturi ta' netwerking soċjali bħal li jkollok preżenza fuq *YouTube*) u sit elettroniku dinamiku li jkun miftuħ u jista' jintuża faċilment miċ-ċittadini, esperti dwar is-sessi, studenti u ġurnalisti. Materjal u pakketti għall-istampa li jistgħu jintużaw ikunu disponibbli għal użu mill-ġdid u jikkonsolidaw identità qawwija ta' *brand* sa mill-bidu.

L-iżvilupp tal-komponent intern tal-istrateġija se jibda għaddej; dan se jimmira li jgħin lill-persunal tal-EIGE biex jimplimenta l-attivitajiet ippjanati, jidentifika s-sejbiet li jeħtieġu tixrid, jifformula l-messaġġ u jagħżel il-kanali ta' komunikazzjoni.

Għal din l-attività huwa diffiċli li timmira lejn indikaturi minħabba n-nuqqas ta' dejta fil-linja bażi, u għalhekk huwa importanti ħafna li tinġabar l-informazzjoni meħtieġa għall-monitoraġġ fil-futur.

#### 2.4.1.2 Kompetizzjoni Ewropea għal-logo tal-EIGE

Biex jistabbilixxi b'suċċess l-identità tiegħu bħala ċentru Ewropew għall-ugwaljanza bejn is-sessi, l-EIGE se jagħmel numru ta' attivitajiet għat-tqajjim tas-sensibilizzazzjoni. Dan se jippermetti lill-Istitut biex iwettaq il-ħidma tiegħu permezz tal-ħolqien ta' relazzjoni fuq medda ta' żmien twil mal-imsieħba tiegħu u l-pubbliku ġenerali.

Fl-ewwel avveniment, se ssir kompetizzjoni fl-Istati Membri kollha biex jingħażel il-logo uffiċjali għall-Istitut. Din mhux se timmira għall-kumpaniji professjonali tad-disinn, iżda minflok se tiffoka fuq ċittadini Ewropej, u b'mod partikolari artisti, studenti u żgħażagħ. Din se tkun miftuħa għal kull min iħossu ispirat mill-kwistjonijiet tal-ugwaljanza bejn is-sessi u jixtieq jikkontribwixxi għall-ħolqien tal-identità tal-EIGE. Il-kompetizzjoni timmira li żżid l-interess fi kwistjonijiet tal-ugwaljanza bejn is-sessi fost il-kompetituri u l-pubbliku ġenerali.

Din il-kompetizzjoni hija ppjanata li tibda fil-bidu tal-2010 u tispiċċa matul ir-rebbiegħa tal-2010. Id-disinjatur tal-logo rebbieħ se jkun mistieden biex jattendi l-avveniment tal-ftuħ uffiċjali tal-EIGE, li matulu se jkun imniedi l-logo.

L-Istitut se jaħdem biex ikun preżenti u viżibbli f'diversi avvenimenti organizzati mill-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri u aġenziji oħra.

*Indikaturi tal-eżitu*: Strateġija ta' komunikazzjoni żviluppata sa tmiem l-2010; numru ta' avvenimenti konġunti bejn il-membri tan-netwerk; numru ta' kampanji u avvenimenti ta' suċċess; żieda fin-numru ta' utenti tas-sit elettroniku; il-logo tal-EIGE istituzzjonalizzat sa tmiem it-tielet trimestru tal-2010; stqarrijiet għall-istampa fuq il-kompetizzjoni tal-logo fl-Istati Membri kollha.

## 2.4.2 ŻVILUPP TA' INFORMAZZJONI AFFIDABBLI U KOMPRENSIVA

*Eżitu tal-attività* jew riżultat fuq medda ta' żmien twil tal-qasam tal-attività (perjodu 2010-2012): **Informazzjoni komprensiva dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-ħidma tal-EIGE ppreżentata lill-partijiet interessati u l-pubbliku**

Żvilupp tas-sit elettroniku tal-Istitut

Bħala parti mill-perspettiva ta' komunikazzjoni effettiva u inklussiva, il-qafas bażiku tas-sit elettroniku tal-Istitut se jkun imfassal biex jaqdi l-interessi u l-ħtiġijiet ta' gruppi speċifiċi; preżenza fil-midja *online*, u se jkunu żviluppati forom ta' *chat* u dibattiti mal-utenti. Fi stadju iktar tard se jkunu żviluppati forom iktar avvanzati ta' komunikazzjoni bħall-messaġġi bil-vidjo u materjal għal NGOs varji u/jew gruppi ta' mira speċifika, u se jkunu mnedija forums għall-iskambju ta' fehmiet u dibattitu fuq kwistjonijiet speċifiċi. Huwa ppjanat ukoll li jinħolqu links ma' sorsi possibbli ta' ħila u riċerka fuq kwistjonijiet tas-sessi, bħall-korpi nazzjonali kompetenti u ċentri ta' riċerka fl-universitajiet. Biex jaġġusta d-disinn u jagħmel is-sit elettroniku faċli biex jintuża, it-tim tal-komunikazzjoni tal-EIGE se jiġbor *feedback* regolari mill-utenti u jagħmel stħarriġ mal-utenti.

*Indikaturi tal-eżitu (2010-2012)*: skop tad-distribuzzjoni tal-ġurnal elettroniku sal-2012; numru totali annwali ta' dokumenti mniżżla; numru totali fix-xahar ta' abbonati fix-xahar għall-*RSS feeds*; total annwali ta' stqarrijiet għall-istampa għat-taqsima tal-aħbarijiet; aċċess għaċ-ċentru tar-riżorsi *online* sal-2011.

## 2.4.3 TKISSIR TA' STERJOTIPI BBAŻATI FUQ IS-SESS

*Eżitu tal-attività* jew riżultat fuq medda ta' żmien twil tal-qasam tal-attività (perjodu 2010-2012)*:* **L-Ewropej jappoġġjaw il-bidla fir-rwoli u l-identitajiet tas-sessi**

### 2.4.3.1 Twaqqif ta' gruppi ta' riżorsi

Il-ħidma f'dan il-qasam se tipprova tistabbilixxi numru ta' gruppi ta' riżorsi biex issaħħaħ l-għarfien tal-Istitut dwar perċezzjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi.

Monitoraġġ tal-midja ta' *clippings*, stqarrijiet għall-istampa, eċċ se jkun parti mill-attività. Biex jilħqu lis-soċjetà, jibdlu l-attitudnijiet, ikissru sterjotipi bbażati fuq is-sessi u jippromwovu mudelli ta' rwoli, se jinħolqu gruppi ta' persuni li jibnu l-opinjoni u politiċi influwenti matul il-perjodu ta' nofs it-terminu.

Għall-ħidma effettiva mal-midja, matul l-2010 se jinħoloq grupp ta' ġurnalisti u esperti tal-midja/komunikazzjonijiet kemm biex ixerred l-informazzjoni kif ukoll biex jibda dibattiti dwar kwistjonijiet speċifiċi fl-Istati Membri. Dan il-grupp ta' esperti fil-ġurnaliżmu u fil-midja se jiltaqa' fuq talba tal-EIGE (fl-2010) biex jiddiskuti r-rilevanza tal-ugwaljanza bejn is-sessi fis-soċjetà u fil-midja. Il-grupp se jagħti pariri bħala bażi għar-riċerka li l-Istitut iktar tard se jinkludi fl-attivitajiet ta' komunikazzjoni esterna u interna tiegħu. Barra minn hekk se jgħin lill-EIGE u lit-tim ta' komunikazzjoni tiegħu kemm biex ixerred l-informazzjoni kif ukoll biex jibda dibattiti fuq kwistjonijiet magħżula fl-Istati Membri.

Fi stadju iktar tard, biex isaħħaħ il-ħidma fil-ġlieda kontra sterjotipi bbażati fuq is-sessi, l-EIGE se joħloq grupp ta' riżors ta' rġiel li jippromwovu l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa. Il-grupp se jiżviluppa informazzjoni u materjal fuq ir-rwoli ta' missier, ħaddiem f'karriera li mhijiex tradizzjonali jew xi ħadd li jkisser in-normi u l-isterjotipi u jista' jħalli impatt fuq membri oħra tas-soċjetà. Il-materjal prodott se jintuża għall-kampanji u l-avvenimenti tal-EIGE.

Biex jippromwovi xbiha pożittiva tan-nisa, matul l-implimentazzjoni tal-Programm għal Nofs Terminu, se jinħoloq grupp ta' riżorsi ieħor ta' nisa mexxejja, bħal kapijiet ta' istituzzjonijiet tal-UE jew nazzjonali jew professjonisti ta' suċċess u attivisti volontarji. L-istejjer u l-profili tal-mexxejja li għamlu suċċess se jkunu ppreżentati f'materjal varju u fuq is-sit elettroniku, u huma jkunu mitluba jipparteċipaw f'avvenimenti varji.

2.4.3.2 Mira lejn iż-żgħażagħ

Parti mill-ħidma għat-tkabbir tal-għarfien tal-EIGE se tinkludi attività mifruxa mal-UE mmirata biex tidentifika u tkisser numru ta' sterjotipi bbażati fuq is-sessi. Meta tikkunsidra l-kumplessità ta' din il-ħidma, b'mod partikolari fir-rigward tad-differenzi kulturali, soċjali u reliġjużi li jeżistu fl-Ewropa, grupp wieħed ta' mira, jiġifieri ż-żgħażagħ, se jkun magħżul għall-ewwel perjodu ta' nofs it-terminu. Biex ikun kapaċi joħloq bidla sostenibbli u jkun kapaċi jqabbel d-differenzi bejn il-pajjiżi Ewropej, fl-2010 se jsir studju dwar in-normi kulturali u soċjali u mudelli li jiddeterminaw ir-rwoli tas-sessi fis-soċjetà, b'mod partikolari l-kunċett ta' ġuvintur u missirijiet żgħażagħ. L-istudju se jenfasizza l-effetti negattivi ta' sterjotipi bbażati fuq is-sessi f'kull Stat Membru tal-Unjoni Ewropea u, fuq il-bażi ta' prattiki tajba mfassla skont id-diversità ta' kull realtà, jissuġġerixxi miżuri konkreti xierqa biex ikisser dawn l-isterjotipi. L-istudju għall-bidu se jiffoka fuq ftit pajjiżi u gradwalment jespandi għal iktar Stati Membri.

Matul ir-rebbiegħa 2010 se jkun imwaqqaf grupp ta' ħidma li jgħin fl-ippjanar u l-monitoraġġ tal-ħidma.

L-attività nnifisha se tibda fuq skala iżgħar billi tagħżel grupp ta' żgħażagħ, li jaġixxu bħala *gender attachés* futuri, f'żewġ pajjiżi pilota għall-perjodu inizjali ta' ttestjar. Il-parteċipanti se jikkontribwixxu billi jiġbru osservazzjonijiet dwar in-normi u l-mudelli tas-soċjetà b'rabta mar-rwoli tan-nisa u l-irġiel, billi jagħmlu intervisti u/jew jiksbu *feedback* kwantitattiv mill-ambjenti lokali tagħhom.

Se jkunu rranġati laqgħat ta' *feedback* f'nofs is-sena biex il-gruppi jqabblu s-sejbiet tagħhom. Fi tmiem kull sena, l-EIGE se jorganizza konferenza biex jippreżenta s-sejbiet, il-każijiet u l-istejjer u suġġerimenti għall-bidla possibbli. Nies famużi (li jiffurmaw l-opinjonijiet) u ġurnalisti se jkunu mistiedna jattendu biex jiltaqgħu mar-rappreżentanti tal-ġenerazzjoni żagħżugħa u jippreżentaw il-fehmiet tagħhom.

Fuq il-bażi tal-osservazzjonijiet u s-sejbiet l-EIGE se jiġbor l-informazzjoni u l-istudji ta' każijiet li għandhom ikunu ppreżentati f'fuljett, materjal ta' vidjo u pubblikazzjonijiet *online* mmirati lejn utenti żgħażagħ tal-web. Il-materjal se jintuża wkoll bħala manwal ta' referenza għat-taħriġ, fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Istati Membri, adattati kif meħtieġ għad-diversità tal-gruppi ta' mira, b'mod partikolari żgħażagħ f'ambjenti interkulturali.

L-attività se tibqa' għaddejja billi tespandi n-numru ta' Stati Membri parteċipanti u tinvolvi lill-*gender attachés* mill-pajjiżi pilota għal avvenimenti ta' informazzjoni u taħriġ.

*Indikaturi tal-eżitu*: *task force* ta' ġurnalisti u esperti tal-midja/komunikazzjonijiet imwaqqfa sa tmiem it-tieni trimestru tal-2010; l-ewwel żewġ jew tliet gruppi ta' referenza jiffunzjonaw sa nofs l-2012; studju dwar in-normi u l-mudelli kulturali u soċjali mniedi sat-tielet trimestru tal-2010; studju dwar l-Istati Membri li jmiss ikun sar sa tmiem l-2011 u l-2012; l-ewwel gruppi pilota identifikati sa tmiem it-tielet trimestru tal-2010; numru ta' parteċipanti miżjud sa 6 pajjiżi sa tmiem l-2012; l-ewwel pubblikazzjonijiet u prodotti oħra fuq l-isterjotipi sa tmiem l-2011; 3 konferenzi; tixrid tal-informazzjoni jibda sa tmiem l-2011.

## 2.5. QASAM FOKALI 5: DJALOGU U SĦUBIJA

Fl-Ewropa jsir ammont kbir ta' xogħol doppju fil-qasam tal-ugwaljanza bejn is-sessi, ħafna inizjattivi ma jingħatawx attenzjoni, approċċi innovativi ma jintużawx, u metodi u sejbiet ta' riċerka promettenti ma jinxterdux jew ma jkunux appoġġjati minħabba li ma hemm l-ebda mekkaniżimu li jikkoordina, jiċċentralizza u jippreżenta l-informazzjoni lill-partijiet kollha interessati.

L-Istitut huwa mistenni li jinvolvi lill-partijiet interessati u l-imsieħba potenzjali kollha u jistabbilixxi pjattaforma għall-iskambju tal-esperjenza, u jappoġġja u jippromwovi sforzi biex jikseb l-ugwaljanza bejn is-sessi.

F'konformità mar-Regolament, l-Isitut għandu:

- *jiżviluppa djalaogu u kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi u għall-opportunitajiet indaqs, universitajiet u esperti, ċentri ta' riċerka, imsieħba soċjali u korpi relatati li qed ifittxu b'mod attiv li jiksbu ugwaljanza fuq livell nazzjonali u Ewropew u f'pajjiżi terzi;*
- *fl-interess tal-effiċjenza, huwa xieraq għall-Istitut li jistabbilixxi u jikkoordina Netwerk Ewropew elettroniku għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi b'entitajiet u esperti bħal dawn fl-Istati Membri.*

Din l-attività se tiffoka fuq l-istabbiliment ta' kooperazzjoni li taħdem ma' diversi partijiet interessati f'diversi livelli.

### 2.5.1 Twaqqif tan-Netwerk Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi

*Eżitu tal-attività* jew riżultat fuq medda ta' żmien twil tal-qasam tal-attività (perjodu 2010-2012): **Ħolqien ta' netwerk għall-kondiviżjoni tal-kompetenza u l-esperjenza**

Kif stipulat fir-Regolament l-Istitut għandu:

- *Jwaqqaf u jikkoordina Netwerk Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, li jinvolvi liċ-ċentri, korpi, organizzazzjonijiet u esperti li jittrattaw l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-integrazzjoni tas-sessi biex jappoġġjaw u jinkoraġġixxu r-riċerka, jagħmlu l-aqwa użu tar-riżorsi disponibbli u jrawmu l-iskambju u t-tixrid tal-informazzjoni.*

Miżuri f'dan il-qasam jinkludu studju ta' fattibbiltà dwar tipi effettivi ta' netwerk elettroniku, li fuqu jkunu mfassla l-metodi tan-netwerk.

Sa tmiem Ġunju 2011 ser tiġi stabbilita *task force* dwar netwerk utli u effettiva; din ser tirrifletti l-interessi u l-għarfien ta' netwerks eżistenti u ta' NGOs. It-*task force* se tgħin lill-EIGE biex jiddefinixxi l-kuntatti u l-kanali biex jilħaq lill-organizzazzjonijiet u l-korpi rilevanti u l-modi kif jiġbor u jgħaqqad flimkien l-informazzjoni. Il-valur miżjud li tkun membru ta' netwerk bħal dan ikunu identifikati, u jkunu mfassla forom ġodda ta' użu.

Metodi għall-użu tan-netwerk u l-imsieħba tiegħu biex isir tixrid effettiv ta' informazzjoni utli se jkunu parti mill-ħidma.

*Indikaturi tal-eżitu*: studju ta' fattibbiltà dwar tipi effettivi ta' netwerk elettroniku mniedi sa tmiem it-tielet trimestru tal-2010; l-ewwel inventarju ta' membri potenzjali tan-netwerk imwettaq sa tmiem l-aħħar trimestru tal-2010; kompiti u regoli tal-operazzjoni tan-netwerk kompleti sat-tieni trimestru tal-2011; qafas bażiku tal-għodod tal-IT għan-netwerk elettroniku maħluqa sa tmiem it-tielet trimestru tal-2010; pjattaforma tal-IT għall-iskambju funzjonabbli sa tmiem l-2011.

### 2.5.2 Partijiet interessati u msieħba

*Eżitu tal-attività* jew riżultat fuq medda ta' żmien twil tal-qasam tal-attività (perjodu 2010-2012): **Stabbilita sħubija qawwija madwar l-Ewropa**

Għal djalogu u relazzjonijiet ta' netwerking futuri, l-Istitut se jistabbilixxi kuntatti mal-partijiet interessati ewlenin tiegħu. Biex jinġabar b'mod effettiv l-għarfien u tiġi promossa l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, l-EIGE se jifforma grupp ta' ħidma qabel it-tmiem tal-2010.

Kooperazzjoni, azzjonijiet konġunti possibbli, avvenimenti u attivitajiet oħra jkunu miftiehma mal- (i) Parlament Ewropew il-ġdid u kumitati rilevanti tiegħu, (ii) Kummissjoni Ewropea, b'mod partikolari id-DĠ IMPJIEGI, (iii) Stati Membri u korpi nazzjonali rilevanti, (iv) universitajiet u ċentri ta' riċerka, (v) awtoritajiet reġjonali u lokali tal-Istati Membri u pajjiżi terzi, (vi) NGOs tas-sessi u tan-nisa, (vii) imsieħba soċjali, (viii) aġenziji rilevanti tal-UE, (ix) organizzazzjonijiet internazzjonali li jaħdmu fuq kwistjonijiet tas-sessi, (x) partijiet interessati l-oħra kollha. Ikunu determinati wkoll modi ta' kooperazzjoni u skambju tal-aqwa prattiki mal-aġenziji l-oħra tal-UE.

Għal informazzjoni regolari u tixrid ta' informazzjoni importanti, l-EIGE se jiżviluppa ġurnal elettroniku u jqassmu lill-partijiet interessati u l-imsieħba kollha tiegħu. Il-ġurnal se jkun iddisinjat sa tmiem l-2010 u se jkun ippubblikat regolarment matul il-perjodu ta' nofs it-terminu.

*Indikaturi tal-eżitu:* grupp ta' ħidma dwar il-koordinazzjoni bejn il-partijiet interessati mwaqqaf sa tmiem it-tielet trimestru tal-2010; *seminars* regolari mal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi; Memorandum ta' Fehim jew forom oħra ta' kooperazzjoni ma' mill-inqas 5 organizzazzjonijiet ewlenin sa tmiem l-2011; ġurnal elettroniku għall-imsieħba u l-partijiet interessati jibda fl-2010.

# 3 MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI

Il-monitoraġġ jagħti informazzjoni dwar kif politika jew programm jinsab f'punt partikolari taż-żmien (u matul iż-żmien) b'rabta mal-għanijiet u r-riżultati rispettivi. Huwa parti mill-proċess tal-implimentazzjoni u jsir mill-persunal u l-parteċipanti fl-attivitajiet ippjanati.

L-evalwazzjoni tieħu perspettiva usa', u tivverifika jekk hux qed isir progress lejn l-għan jew ir-riżultat mistenni jew jekk hemmx xi spjegazzjoni għall-bidliet li jidhru fis-sistema ta' monitoraġġ.

## 3.1 IMPLIMENTAZZJONI TAL-MONITORAĠĠ

Fuq il-bażi tal-approċċ ta' Monitoraġġ Ibbażat fuq ir-Riżultati, l-Istitut se jiġbor u janalizza informazzjoni dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-Programm ta' Ħidma u jqabbel ir-riżultati attwali f'termini ta' livelli ta' output u eżiti għar-riżultati u l-għanijiet mistennija sabiex ikejjel il-progress. Għal dan il-għan jeħtieġ li tinġabar dejta u informazzjoni fil-linja bażi sa mill-bidu tal-ħidma tal-Istitut. Se jkunu żviluppati indikaturi u miri li jipprovdu lit-tmexxija u lill-partijiet interessati ewlenin b'indikazzjonijiet tal-ammont ta' progress li sar u l-kisba tal-għanijiet, u progress fl-użu tal-fondi allokati. Kif imsemmi fil-Programm ta' Ħidma, xi oqsma, bħat-tkabbir tal-għarfien u l-komunikazzjoni, jeħtieġu sett tajjeb ta' dejta fil-linja bażi biex ikunu jistgħu jagħmlu monitoraġġ tal-bidliet mistennija.

Il-monitoraġġ se jintuża biex jiġi vverifikat jekk ir-riżorsi disponibbli għall-attivitajiet iwasslux għall-outputs u r-riżultati mistennija, biex jaġġustaw l-indikaturi tal-effiċjenza u jirrappurtaw kwalunkwe diffikultajiet jew problemi.

Se tkun żviluppata sistema ta' Monitoraġġ Ibbażat fuq ir-Riżultati minn kull tim u kkonsolidata miż-żewġ unitajiet fi pjan wieħed għall-Istandards ta' Kontroll Intern.

*Feedback* mill-utent jew mill-parti interessata se jkun monitorjat biex tkun ivverifikata r-rilevanza tal-attivitajiet u l-miżuri tal-Istitut għall-gruppi ta' mira jew gruppi ta' kontroll magħżula.

## 3.2 RAPPORT ANNWALI

Sa tmiem kull sena, l-EIGE se jipprepara rapport annwali biex jippreżenta r-riżultati immedjati (f'livell ta' output) miksuba matul is-sena. Ir-riżultati jkunu assessjati mar-riżultati u l-outputs mistennija u mkejlin bl-għajnuna ta' indikaturi definiti. Ir-rapport annwali jkun sottomess lill-Bord tat-Tmexxija għall-approvazzjoni qabel ma jkun ippreżentat lill-awtoritajiet rilevanti.

## 3.3 EVALWAZZJONI

Evalwazzjoni bbażata fuq ir-riżultati hija valutazzjoni ta' attività ppjanata, għaddejja jew kompleta biex tiġi ddeterminata r-rilevanza, l-effiċjenza, l-effettività, l-impatt u s-sostenibbiltà. Analiżi evalwattiva għalfejn ir-riżultati intiżi kienu jew ma kinux miksuba, teżamina l-proċessi ta' implimentazzjoni, tesplora riżultati li ma kinux intiżi, tipprovdi lezzjonijiet, tenfasizza kisbiet u toffri rakommandazzjonijiet għal titijib.

Skont ir-Regolament:

*Sat-18 ta' Jannar 2010, l-Istitut għandu jikkummissjona evalwazzjoni esterna indipendenti tal-kisbiet tiegħu fuq il-bażi tat-termini ta' referenza maħruġa mill-Bord tat-Tmexxija bi qbil mal-Kummissjoni. L-evalwazzjoni għandha tassessja l-impatt tal-Istitut fuq il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u għandha tinkludi analiżi tal-effetti tas-sinerġija. Huwa għandu, b'mod partikolari, jindirizza l-ħtieġa possibbli li jimmodifika jew jestendi l-kompiti tal-Istitut, inklużi l-implikazzjonijiet finanzjarji ta' kwalunkwe modifikazzjoni jew estensjoni tal-kompiti. Evalwazzjoni bħal din għandha teżamina wkoll kemm hija adatta l-istruttura tat-tmexxija fit-twettiq tal-kompiti tal-Istitut. L-evalwazzjoni għandha tqis il-fehmiet tal-partijiet interessati, kemm f'livell ta' Komunità kif ukoll nazzjonali.*

Meta jitqies id-dewmien fil-bidu tal-operazzjonijiet u n-nuqqas ta' informazzjoni fil-linja bażi li fuqha jinbnew l-indikaturi u l-miri, kien deċiż li tkun ikkummissjonata evalwazzjoni *ex-ante* sa tmiem it-tieni trimestru tal-2010 u evalwazzjoni interim fl-2012.